**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 604/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**Vs**

**Philip Said**

**Illum, 30 ta' Ottubru, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra

"**Philip Said**, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 781052M;

Billi inti akkuzat talli bejn Novembru 2008 u Novembru 2012, kif ukoll fil-granet u fis-snin li jigu mmedjatament wara dan il-perjodu, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li

jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilek taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u li kienet giet fdata lilek minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minhabba depositu necessarju u cioe' hlas ta' taxxa u bolol fuq kuntratti ta' trasferiment ta' propjeta jew kuntratti pubblici ohra, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' Marianna Camilleri (ID: 136543M), Godwin Camilleri (ID: 423362M), Carmen Baldacchino (ID: 69363M), Marianna Farrugia (ID: 471555M), Philip Ciantar (ID: 552980M) b' valur li jeccedi l-hamest elef euro (€5000);

2. Bi hsara ta' haddiehor, ghamilt xi qliegh iehor b' qerq ta' aktar minn hamest elef euro (€5000);

3. U aktar talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-drittijiet tieghek, ghamilt jew inqast li taghmel dmirijitek, b'taghkis jew hsara ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' Marianna Camilleri (ID: 136543M), Godwin Camilleri (ID:423362M), Carmen Baldacchino (ID: 69363M), Marianna Farrugia (ID: 471666M), Philip Ciantar (ID: 55290M);

4. U aktar talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sirt hati ta' reat li int kellek tissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghek inti kellek id-dmir li timpedixxi.

5. U aktar talli bhala Nutar inqast li thallas it-taxxa dovuta kollha jew parti minnha that id-dispozizzjonijiet tal-Att 364 fuq xi att ricevut minnek, kif ukoll li inqast li tikkonforma ruhek ma' kull taxxa mposta fuqek b'regolament li jsir that l-Att 364.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-Nota ta' rinviju tal-Avukat Generali tal-4 ta' Frar, 2019 (a folio 420 tal-process), permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 293, 294, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 50 (a)(c) tal-Kapitolu 364 tal-Ligjijet ta' Malta.

Rat illi fl-istess rinviju l-Avukat Generali baghat il-kaz sabiex jigi trattat bi procedura sommarja taht l-Artiklu

370 (3) (d) la darba l-imputat ma jkollux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2017, inqara l-istess rinviju u l-imputat wiegeb li m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2020.

Rat u qieset il-provi u d-dokumenti kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Provi**

Il-Prosekuzzjoni esebiet l-**istqarrija ta' l-imputat,** a folio 10 tal-process, fejn fiha l-imputat spjega li huwa waqaf milli jipprattika bhala Nutar peress li kellu problema ta' sekwestru mid-Dipartiment tal-VAT u kawza t'hekk il-bank ghalaqlu l-*overdraft* u kontijiet ohra, u ghalhekk ma setax idahhal l-atti tieghu kif rikjest minnu mil-ligi ta' kull sena. Spjega li l-kagun ta' dan kollu hu ma setax jaghlaq is-sena, beda jehel il-multi u

kagun tal-mandat ta' sekwestru, l-kumpaniji ta' l-assikurazzjoni ma ridux jiehdu riskju u ghalhekk huwa kellu jirrinunzja ghall-professjoni tieghu.

Mistoqsi jispjega ghaliex ma rregistrax il-kawza mortis ta' Maryanne Camilleri b'somma totali ta' taxxa fl-ammont ta' €6,890 u €1,970 taxxa ta' binha Godwin Camilleri, l-imputat spjega li ma rregistrax dan minhabba li kien hemm problema fuq il-pjanta. Xehed li fil-bidu d-dar residenzjali u l-warehouse in kwistjoni kienu maghmula fuq pjanta wahda izda dawn kellhom ikunu fuq pjanti separati sabiex l-ammont tal-proprjeta' ma jkunx fuq il-maximum u allura konsegwenza t'hekk il-proprjetarji kienu ser jitilfu l-beneficcji. Meta mistoqsi ghalfejn talab lil Camilleri sabiex il-pagament taghmlu fuq ismu, jghid li ma jiftakarx. Jghid illi meta ma tirregistrax il-causa mortis, l-ammont jibqa' pendenti ghandu jew inkella l-ammont jigi depozitat.

B'referenza ghad-dikjarazzjoni kawza mortis ta' Carmen Baldacchino wara l-mewt ta' missierha, hu spjega li huhom Peter Zammit kien diga' ghamel l-ewwel kawza mortis u li "il-propjeta li kellu ghamilha bhala arja kif kien imnizzel fit-testment tal-genituri pero, l-ahwa bnew a spejjez taghhom. Fil-valuri kien hemm differenza enormi u peress li kienu maghmulha fl-istess perjodu, kien se jkollu diffikulta' fuq il-valuri. Mistoqsi jikkonferma jekk bil-pagament ta' Baldacchino li jammonta ghal total ta' Euro5,692.50, gewx imhallas taxxa ta' sitt atti ohra maghmulin minnu stess fuq il-

mejjet Cassar Luigi, skont ricerka mid-Dipartiment tat-Taxxi, hu jikkonferma dan. Izda ma jiftakarx ghalfejn.

In oltre u b'referenza ghall-kawza mortis ta' Anthony Zammit maghmul minn Marianna Farrugia, mistoqsi ghalfejn bic-cekkijiet li kienet taghtu Farrugia hu hallas kuntratt ta' bejgh ta' proprjeta' li kien sar bejn Magro Joe u Magro Emanuel et kif ukoll donazzjoni ta' proprjeta' bejn Mifsud Concetta u Camilleri Alfred, hu jwiegeb li ma jafx x'kienet ir-raguni. Mistoqsi jekk it-taxxa ta' Marianna Farrugia thallsetx, hu jwiegeb li kien hemm kwistjoni ma' huha Peter li jigi ukoll hu Carmen Baldacchino li hija msemmija aktar kmieni. Mistoqsi fuq it-taxxa dovuta li ammontat ghal €5,957.50 li thallset permezz ta' draft mill-BOV u jekk tali donazzjoni in-Nutar kienx irregistraha, hu jwiegeb li jrid jikkonferma pero' kellu l-impressjoni li kien irregistra d-donazzjoni.

L-Ispettur **Doriette Cuschieri** xehdet nhar l-24 ta' Ottubru, 2018 fejn spjegat li l-Pulizija rceviet numru ta' rapporti fil-konfront tan-Nutar Philip Said fuq misapproprazzjoni ta' flus li kienu gew fdati lilu bhala Nutar fil-professjoni tieghu. Ir-rapporti kienu s-segwenti:

1. Minn Maryanne Camilleri b'referenza ghall pubblikazzjoni ta' kawza mortis wara l-mewt ta' zewgha u li ghaliha hallset €8,860. Ilmentat li minkejja li kien sar il-pagament, il-kawza mortis ma kienetx giet registrata.

2. Minn Maryanne Farrugia fejn ilmentat li hi hallset id-denunzja tal-kawza mortis wara l-mewt ta' missierha permezz ta' tliet pagamenti, liema pagamenti intuzaw ghal registrazzjoni ta' kuntratti ohra u taghha qatt ma giet registrata.

3. Minn Carmen Baldacchino b'referenza ghall-kawza mortis ta' missierha Anthony Zammit. Carmen Baldacchino rrapportat li kienet hallset €990.39c permezz ta' cekk tal-HSBC kif ukoll pagament iehor fl-ammont ta' €5,600.92c izda b'dan l-ammont thallsu kuntratti ta' terzi persuni.

4. Minn Philip Ciantar li flimkien ma' zitu Maria Lourdes Agius kienu ghamlu kuntratt ta' donazzjoni ta' proprjeta' izda din qatt ma kienet giet rregistrata. Kien thallas l-ammont ta' €5,960.41c.

Ix-xhud spjegat li fi stqarrija mehuda fil-prezenza taghha, Philip Said kien ikkonferma li hu kien ha l-flus f'kull wiehed mis-sitwazzjoni tal-erba' kwerelanti u li l-kuntratti ma kienx irregistrahom. Tghid illi n-Nutar kien qal li hu stess kien jghid lill-klijenti biex jiddepozitaw il-pagament fil-kont kurrenti tieghu tal-BOV.

Xehdet **Maryanne Farrugia** fl-24 ta' Ottubru 2018 fejn spjegat li wara l-mewt ta' missierha hija kienet marret ghand in-Nutar Philip Said f'Settembru 2012 biex tippubblika u thallas il-kawza mortis. Spjegat li fuq il-kawza mortis hija hallset permezz ta' cekk lin-Nutar Said

u wara xi jiem in-Nutar kien mar ghandha u qallha biex taqsam il-pagament fi tlett pagamenti. Kien ghalhekk li hija marret il-bank biex thassar il-*bank draft* u qassmet il-pagament fi tlieta. Kompliet li minkejja dan, hija baqghet ma rcevietx l-ircevuta li kienet hallset u meta marret ghand in-Nutar biex tistaqsi ghalfejn ma kienetx irciviet ircevuta, in-Nutar kien qallha li tad-dipartiment tat-taxxa kienu jdumu biex jibaghtu l-ircevuta. Ix-xhud kompliet tixhed li meta kien ghaddha xi zmien, hi cemplet id-dipartiment biex ticcekkja jekk it-taxxa kienetx thallset u kienu infurmawha li ma kienx sar hlas tal-kawza mortis. Spjegat li sussegwentament hija kienet marret tistaqsi lin-Nutar ghaliex il-kawza mortis ma kienetx thallset, izda baqa' dejjem jinsisti li kien hemm dewmien min-naha tad-dipartiment biex tinhareg l-ircevuta. Meta murija kopja tac-cekkijiet li hi kienet hallset lin-Nutar ghad-denunzja, hi gharfithom u kkonfermat li kienu dawk li ghaddiet lin-Nutar. Spjegat li l-kawza mortis ma kienetx irregistrata u lanqas il-flus ma kienet rceviet lura tant li kellha terga' thallas biex hi ma tkunx fid-dejn mal-Gvern. Ix-xhud spjegat li hi kienet qabbdet avukat jaghmel ricerka u saret taf li bil-flus li kienet hallset hi, in-Nutar Said kien hallas persuni ohra. In kontro ezami mitluba tghid tiftakarx li kien hemm id-dewmien minhabba l-fatt li kien hemm problema fuq il-proprjeta' fuq ir-ricerka li sar fuq l-arja ta' wiehed mill-proprjetajiet, hi tghid li ma kien hemm ebda.

**Carmen Baldacchino** xehdet nhar l-24 ta' Ottubru 2018 fejn spjegat li hi kienet marret ghand in-Nutar Said biex thallas xi flus ghad-denunzja ta' missierha. Tghid li l-

pagament kien sar permezz ta’ zewg cekkijiet, wiehed ghal-ispejjez u iehor ghad-denunzja u meta kien ghadda xi zmien u ma rcevietx ircevuta, hi ccekkjat mad-dipartiment tat-taxxa u rrizulta li ma kinux saru l-pagamenti min-Nutar Said. Ix-xhud spjegat li meta kienet marret ghand in-Nutar, hu kien qallha li daqt ser jithallsu izda kienu baqghu ma thallsux. Meta murija kopja tac-cekkijiet, hi tikkonferma li dawk kienu ic-cekkijiet li permezz taghhom kienu ghamlu l-pagament lin-Nutar Said. Tixhed li meta kienet iccekkjat mad-Dipartiment rigward jekk il-flus li kienet hallset lin-Nutar kinux waslu ghandhom, hi twiegeb fin-negattiv u lanqas ma rciviet xi flus lura minn dawk li kienet hallset lin-Nutar.

Fit-28 ta’ Novembru 2018 xehed **Godwin Camilleri**, fejn spjega li wara l-mewt ta’ missieru flimkien ma’ ommu Marianne Camilleri kienu marru ghand in-Nutar f’Gunju tal-2011 sabiex jaghmlu l-kawza mortis. Xehed li meta n-Nutar kien ghamel il-kawza mortis, huma hallsu izda kienu hallsu ta’ xejn ghax in-Nutar ma kien ghamel xejn. Il-pagament sar permezz ta’ cekk li jammonta ghal €8,660 u pagament li sar f’flus kontanti ta’ €775. Kompla jghid li wara certu zmien kellhom bzonn jergghu jaghmlu uzu mis-servizzi tan-Nutar izda peress li ma kienx ghadu jahdem qabbdu lit-tifla tieghu. It-tifla tan-Nutar Said kienet ghamlet ricerka ghaliex ma kienux ircivew ircevuta minghand il-Gvern u sabet li missierha ma kien hallas xejn. Jkompli jixhed li minn meta sar ir-rapport, hu u ommu kellhom jergghu ihallsu is-somma tad-denunzja man-Nutar tal-Gvern. Meta mistoqsi jekk il-flus li kienu hallsu, rcivewhomx lura, hu

jwiegeb fin-negattiv. Kompla jghid li n-Nutar Said kien talab il-pjanti tal-proprjetajiet izda ma kien hemm ebda kwistjoni fuq il-valur tal-proprjetajiet.

**Philip Ciantar** xehed fit-28 ta' Novembru 2018, fejn qal li hu kien mar jaghmel rapport ghand il-Pulizija ghaliex il-kuntratt ta' donazzjoni li kien ghamel ghand in-Nutar Said fis-17 ta' Novembru 2017 ma giex irregistrat u lanqas ma thallsu l-ammonti mhallsa minnu fuq l-istess donazzjoni fl-ammont ta' €5,960.41c kif ukoll somma ta' €1,173.20c ghax-xoghol tan-Nutar, tant li d-dar li kien ha b'donazzjoni minghand zitu ma kienetx giet insinwata. Kien ghalhekk li huwa mar ghand in-Nutar tal-Gvern u kellu jerga' jhallas is-somma dovuta mill-gdid. B'referenza ghall-flus li huwa hallas lin-Nutar Said, huwa spjega li dawn ma rcevihomx lura. Xehed li kien prova jigbor il-flus bil-kelma t-tajba izda ma kien ircieva xejn lura.

Xehdet **Dr Liza Schembri** fit-12 ta' Dicembru 2018, li hija Nutar Pubbliku ghal Kunsill Notarili fejn spjegat li n-Nutar Said kien inghata lura il-warrant fis-sena 2013 izda kien sospiz mis-7 sat-13 ta' Awissu tas-sena 2014. Tghid li l-imputat irrinunzja ghall-warrant hu stess b'effett mill-5 ta' Mejju, 2015.

**Dr. Paul Callus** xehed fit-12 ta' Dicembru 2018 fejn spjega li tlett kuntratti mill-erbgha in kwistjoni, peress li l-konservatur ta' Philip Said huwa n-Nutar principali tal-Gvern, gew insinwati minn Nutar principali tal-gvern. It-tlett kuntratti huma ta' Marianna Farrugia, Marianne

Camilleri u Godwin Camilleri u dak ta' Philip Caintar. Rigward il-kuntratt numru tlieta ta' Carmen Baldacchino, hu jghid li m'ghandux data tal-kuntratt u allura ma sabux fir-records. Jixhed li in-Nutar tal-Gvern kien insinwa it-tlett kuntratt wara li thallset it-taxxa dovuta. Spegja li meta l-persuni marru ghand in-Nutar tal-Gvern, huma regghu hallsu it-taxxa dovuta.

Xehdet **Charmaine Gatt** in rapprezentanza ta' Identity Malta fit-12 ta' Dicembru 2018 fejn prezentat ic-certifikat tal-mewt ta' Antonio Zammit u Ludgardo Giuseppe Camilleri.

Fid-9 ta' Jannar 2019 xehdet **Joanna Bartolo** in rapprezentanza ta' Bank of Valletta plc fejn gew ipprezentati l-istatements mil-1 ta' Jannar 2011 sa meta inghalaq, gew pprezentati ukoll kopja ta' zewg cekkijiet mil-HSBC ta €8,860 u €909.39. €8,860 jidher mill-statement li gie depositat f'dan il-kont fit-23 ta' Gunju 2011 u €909.39 gie depozitat fl-istess kont fit-22 ta' Marzu 2013.

Xehdet ukoll **Marie Elise Agius** in rapprezentanza legali mal-Capital Transfer Duty fejn xehdet li thallsu kawza mortis permezz ta' bank draft. Hija prezentat bank drafts b'diversi ammonti li in relazzjoni mad-denunzja tal-mejjet Cassar Luigi fl-isem l-eredi tieghu. Titkellem ukoll fuq numru ta' cekkijiet ohra. Tesebixxi cekkijiet bin-numru 888416 u 888417 li jirrelataw ma' bejgh u donation bank draft cekk numru 888416 fuq bejgh ta' proprjeta bejn Joe Magro u Manwel Magro. Cekk

888417 gie pprezentat ukoll fuq hlas ta' boll b'referenza ghal donazzjoni li saret minn Concetta Mifsud lil Alfred Camilleri.

**Brian Farrugia** bhala direttur tal-Assist Recovery Bureau xehed fit-30 ta' Jannar 2019 xehed li l-imputat ghandu registrati f'ismu numru ta' assi u ghadda biex ezebixxa l-inventarju tal-assi tan-Nutar Philip Said.

**Marianna Camilleri** xehdet li hi kienet marret ghand it-tifla tan-Nutar Said fejn talbitha biex ticcekkjalha fuq il-kawza mortis minhabba li ma kienet irceviet l-ebda rcevuta minkejja li kienet hallset madwar €8,000 u cekk iehor ta' €700. Spjegat li n-Nutara kienet infurmata li ma gietx irregistrata u ghalhekk kellha terga' thallas il-flus biex terga tirregistra l-kawza mortis. Hija spjegat li ma rcevietx il-flus lura minghand in-Nutar Said.

Xehed l-imputat **Philip Said** fl-10 ta' Lulju 2019 fejn stqarr li meta l-klijenti kienu jhallsu, mhux kulhadd kien jgib il-bills payable biex jiffrankaw il-commission u kien jiddepozita f'operating account ma' l-HSBC li kien overdraft ukoll. Kompla li darba giet imponuta fuqu garnishee order u allura gie blokkjat kollox. Zied jghid li darba u cioe' qabel il-garnishee order hu safa vittma ta' scam u minhabba f'hekk waqa' lura fil-pagamenti u l-bills. Spjega li meta kellu l-garnishee order, hu kellu jieqaf mix-xoghol u jieqaf ihallas l-ammonti li kienu qed jigu mitluba. Konsegwenza ta' dan, hu jghid illi gie fl-inkwiet mal-klijenti u anke kellu problema mal-Imhallef

Emeritus Galea Debono minkejja li kien jaf il-pozizzjoni tieghu.

Spjega li peress li kien obligat li jdahhal l-atti skont il-ligi notarili, beda jehel il-multi apparti li ma setax ikompli jahdem sakemm idahhal ir-records tieghu ghand in-Nutar tal-Gvern. Meta mistoqsi jekk il-bank kienx ha xi mizura meta kien hemm is-sekwestri, l-imputat jishaq li l-bank ghalaqlu kollox u l-*accounts* tieghu gew *blocked* tant li sal-lum il-gurnata ma jihux imghaxijiet mill-kontijiet. Spjega li l-*overdraft account* gie rtirat mill-ewwel u fil-kont bankarju tieghu kellu madwar hamsa u ghoxrin elf, kif ukoll ammont li kien ghal bejgh ta' eredita' li kellu s-sehem tieghu b'valur ta' tlieta u erbghin elf.

Fir-rigward ta' Marianna Camilleri u Godwin Camilleri, xehed li dawn ghamlu l-kawza mortis ta' Richard sive Ludgardo Camilleri, li jigi r-ragel ta' Marianna Camilleri. Stqarr li meta kienu marru biex jaghmlu l-kawza mortis, kien hemm problema bil-pjanta. Il-proprjetajiet kienu jinkludu garaxxijiet, u r-residenza. Mar-residenza kienet inghaqdet warehouse, u l-perit kien ghamel valutazzjoni tal-proprjeta' kollha. Kompla li peress li l-warehouse giet mixtrija wara l-valutazzjoni, hu kien issugerixxa li tinqata' ghaliha l-valuation ghaliex inkella kienu ser jitilfu l-beneficcju tar-residenza u ghalhekk kellha ssir pjanta gdida, anke minhabba li c-cimiterju jaqa' fil-land registration area, allura kien talab pjanta tal-qabar ukoll. Meta mistoqsi x'ghamel bil-flus li kienu tawh, hu spjega li meta jkun thallas b'cash kien

jiddepozitahom u imbaghad kien jordna l-bank draft. Jghid illi l-flus li kienu tawh, inqabdu fl-account li kien jiddepozita fih li kien milqut b'sekwestru, li kien tal-HSBC. Kompla jghid li fir-rigward ta' Baldacchino, l-imputat spjega li l-klijent kien mar ghandu fir-rigward ta' donation minghand zitu. Jghid li wara li ppubblika l-kawza mortis kienet ingibdet l-attenzjoni tieghu li mal-proprjeta' kien hemm kantina bi triq u bieb differenti u ghalhekk riedet issir l-emenda tal-kawza mortis ta' oht iz-zija u ghalhekk jigi kkoregut l-kuntratt originali. Tenna li kien hemm id-dewmien u peress li kien hemm zewg persuni fuq l-istess proprjeta', gara li d-donation baqa' mal-kawza mortis fil-file u li kieku kienu kellmuh qabel, hu kien jinduna qabel bil-problema. Mistoqsi jekk n-nuqqas ta' registrazzjoni kinitx minhabba dan l-izball, jghid illi kien sar pero' kien baqa mal-kawza mortis fil-file, peress li kienu qed jitkellmu fuq l-istess proprjeta'. Zied jghid li l-flus li kien inghata minghand Baldacchino ma kinux thallsu ghaliex iz-zija ta' Baldacchino kienet waqfitu sakemm isiru l-korrezzjonijiet mehtiega. Il-problema kienet tirrigwardja l-fatt li l-korrezzjoni mehtiega ma kienetx imsemmija fil-kawza mortis u wara indunaw li tidhol ukoll bhala parti mill-proprjeta' li hi kienet qed taghmel bhala donazzjoni. Spjegali fir-rigward ta Marianna Farrugia l-imputat xehed li din kienet ghamlet il-kawza mortis ta' Anthony Zammit li kien halla proprjeta' lil tlett itfal tieghu minghajr kuntratt u dawn ghamlu a spejjez taghhom il-bini. Spjega li hu kien ipperswada lil Anthony Zammit u martu biex jaghmel it-testment u ghamel ukoll dikjarazzjoni illi ghalkemm hu kien ta l-go ahead biex isir bini fuq il-

proprjeta’, ma kienx hemm it-transfer ta’ sid il-post u kien inqala dizgwid bejn l-ahwa, ghaliex iben Anthony Zammit kien bena u ghamel parti mid-dar tieghu commercial u dan kien jinkera. Zied li l-ahwa l-ohra ma ridux jirriskjaw.

L-imputat gie mistoqsi jekk lil Ms. Farrugia qallhiex biex tbiddel xi bank draft hu wiegeb fil-pozittiv filwaqt li spjega li kelli tliet kuntratti urgenti li xtaq idahhalhom mill-ewwel u kien ghadu qed jistenna t-taxxa ta’ Ms. Baldacchino u sussegwentament minhabba l-inabilita’ huwa ma setax jirregistrah. B’referenza ghal Philip Ciantar, l-imputat spjega li kellha tigi emendata l-kawza mortis ghax kien hemm zewg kuntratti dwar il-proprjeta’ in kwistjoni, fejn l-ewwel kella tigi kkoreguta l-kawza mortis ghaliex kienet maqbuzha u ukoll il-kuntratt ta’ donazzjoni. Spjega li ghalhekk dawn baqghu fil-file u ma gewx registrati.

L-imputat gie mistoqsi fuq l-intenzjoni tieghu li juza l-flus tal-klijenti ghal haddiehor jew ghalih, ghal liema huwa rrisponda li kien “imwahhal at that stage” u kellu dawn il-kuntratti li hadhom fil-perjodu tal-inabilitia “u minflok li qaghad nistenna li umbaghad trid tirranga kollox minhabba l-bankdraft ghax jiskadu, tlabt li jsiru three bank drafts biex imexxi dak li kelli pending li kienu urgenti”.

Mistoqsi jekk fil-kont kurrenti tieghu tal-BOV kellux xi problemi fil-perjodu betwn l-2008 u 2012 (fil-perjodu meta kienu saru r-rapporti), hu wiegeb li kien vittma ta’

scam ghall-ahhar tat-2011 u bidu tat-2012. In oltre mistoqsi jekk hu kienx informa lill-klijenti li kellu l-problemi u ghalhekk il-kuntratti ma kinux gew registrati, hu jwiegeb li fir-rigward ta' Philip Ciantar, fl-2008, il-kuntratt kien baqa' fil-file mal-amendment tal-kawza mortis. Jghid li f'dan il-kaz, kellu jikkoregi l-kawza mortis ghaliex il-proprjeta' in kwistjoni ma kienetx deskritta sew filwaqt li kompla jghid li kieku kien avvicinat u magharraf bil-problema qabel, kien jirrimedja l-problema immedjatament.

B'referenza ghall-kawza mortis, l-imputat jammetti li din ma gietx registrata u peress li ma setax ikompli bix-xoghol tieghu, kien ghadda x-xoghol tieghu lin-Nutar tal-Gvern biex ikompli x-xoghol hu filwaqt li kkonferma li l-flus li kienu tawh is-sinjuri Camilleri fl-2011 ma kienx tahomlom lura jew tahom lin-Nutar tal-Gvern, ghaliex kien maqbud bis-sekwestru. Rigward il-pagament li kien sar minn Carmen Baldacchino u Marianne Farrugia rigward il-kawza mortis f'Settembru 2012, meta mistoqsi jekk gewx registrati l-kawza mortis ta' dawn it-tnejn, hu jghid li gew registrati minn Nutar tal-Gvern.

**Ikkunsidrat:**

**Ir-reat ta' approprjazzjoni indebita**

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Abela**, deciza fis-06 ta' Lulju 2016, fejn il-Qorti ezaminat fid-dettal ir-reat ta' frodi u dak tal-approprijazzjoni indebita:

*"Ghar-rigward tar-reat ta' mizapproprjazzjoni referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni*** *fejn il-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat:*

*"Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

*L-awtur* ***Francesco Antolisei*** *jikteb:*

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)"*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Avukat Dr. Siegfried Borg Cole LL.D. d**eciza 23 ta' Dicembru, 2003 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li:

*Filwaqt li ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita, fil-kaz in*

*dizamina jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat. F'dan il-kaz ma kienx hemm id-dolo rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' Gaglione jew ta' Abela. L-appellat la kellu x'xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement ghax ittardja li jaghmel il-konteggi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jaghmel profit minn dik il-konversjoni. Kif jispjega Luigi Maino (op. cit.supra) ...*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Marbeck Cremona** deciza fil-15 ta' Frar, 2007 gie deciz:

*"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:*

*1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.*

*2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.*

*3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;*

*4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe` japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;*

*5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor". Izda fil-kawza gja citata Il-Pulizja vs Paul Portelli, il-Qorti spjegat kif - huwa t-titolu, li bih ġie riċevut l-oġġett, li għandu jġib miegħu l-obbligu ta' użu speċifikat, u mhux neċessarjament li tali użu għandu jiġi speċifikat mill-proprjetarju mal-konsenja tal-oġġett".*

*Dik il-Qorti kompliet hekk:*

*...*

*17. Kif ġia ġie rilevat, mid-definizzoni tar-reat fl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali jirriżulta li huwa t-titolu li bih is-suġġett attiv irċieva l-pussess tal-oġġett li għandu jkun tali li jobbliga lis-suġġett attiv li jagħmel użu speċifikat u mhux neċessarjament li l-użu għandu jiġi speċifikat mill-konsenjatur mal-konsenja tal-oġġett. Dan huwa msaħħaħ b'dak li jipprovdi l-artikolu 294 tal-Kodiċi Kriminali li minnu jirriżulta li r-reat ta' approprjazzjoni indebita jista' jseħħ ukoll fuq ħaġa "fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba ... depożitu neċessarju" fejn l-affidament u l-konsenja u l-użu*

*speċifikat ma jsirux direttament mill-propjetarju taloġġett depożitat iżda jsiru in virtù tal-liġi.*

Illi d-Difiza fit-trattazzjoni taghha tikkontendi li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-element ta’ *mens rea* filwaqt li argumentat li dak kollu li gara kien kawza ta’ diffikulta finanzjarja kkawzati minn scam, sekwestri u decizjoni tal-banek li jwaqqfu l-overdraft account.

Il-Qorti fliet il-provi u tirrileva li filwaqt li l-iscam gara fis-sena 2012 u sekwestru fis-sena 2013, l-akkuzi jirrisalu ghas-snin bejn 2008 u 2012. In oltre l-Qorti tinnota li l-imputat baqa’ jezercita l-professjoni tieghu sakemm fis-sena 2015 huwa rrinunzja ghaliha.

Din il-Qorti ma ghandix dubju li l-agir ta’ l-imputat kien wiehed intenzjonali u dan specjalment meta wiehed jikkunsidra li l-imputat mar ghand Maryanne Farrugia u talabha sabiex tikkancella c-cheque u tohrog 3 pagamenti separati bl-intenzjoni li jhallas oggetti ta’ terzi filwaqt li eskluda l-hlas tal-kuntratt taghha. In oltre rrizulta mill-provi li huwa qatt ma ammetta ma’ ebda mill-kwerelanti tant li wahhal fid-dewmien tad-dipartiment meta kien ben konsapevoli tal-fatt li huwa naqas milli jirregistra l-atti!

Illi applikati l-principji legali tar-reat ta’ misapproprijazzjoni ghal fattispeci tal-kaz odjern, il-Qorti ma tistax ma tinnotax li f’kull rapport li sar mill-kwerelanti, l-elementi kollha tar-reat jissusistu. Irrizulta ampjament ippruvat li kull cheque/bank draft li gie fdat

lin-Nutar sabiex isir minnu uzu specifikat, u cioe' sabiex ihallas it-taxxa dovuta fuq il-kuntratti rispettivi taghhom lill-Kumissarju tat-Taxxi Interni (ghajr ta' Philip Ciantar) gew uzati sabiex tithallas taxxa dovuta fuq kuntratti ohra minnu pubblikati. Dan johrog car mix-xhieda ta' Marie Elise Agius tad-9 ta' Jannar 2019 fejn spjegat li:

- cekkijiet bin-numri 888416 u 888417 jirrelataw ma' bejgh u donazzjoni,
- bank draft number 888416 ghal bejgh ta' proprjeta' bejn Joe Magro u Manwel Magro,
- Cekk 888417 thallas ghad-donazzjoni li saret minn Concetta Mifsud lil Alfred Camilleri.

Illi irrizulta manifestament ppruvat li t-taxxa u boll li suppost thalsu bil-flejjes li l-imputat rcieva minghand l-erba' kwerelanti ma thallsux. Multo Magis u minkejja li ghaddew snin, huwa naqas milli jaghmel dan u kellhom jergghu johorgu l-flus sabiex jirregistraw l-atti li kienu ppubblikaw fl-atti ta' l-imputat.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-gurisprudenza nostrana li saret riferenza ghaliha aktar il-fuq, ir-rizultanzi processwali jwasslu lil din il-Qorti tiddeciedi li l-akkuzi addebitati lill-imputat jirrizultaw ampjament ppruvati.

Illi in kwantu ghall-aggravju, hija l-fehma tal-Qorti li mhux biss izda jikkonkorru wkoll l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex jitqies li jissussisti r-reat ta' approprijazzjoni indebita bl-aggravanti stante li l-flus inghataw lill-imputat minhabba l-professjoni tieghu.

**Truffa jew Frodi Innominata**

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' truffa jew frodi nnominata kontemplati fl-Artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

**Il-Ligi, Principji u Gurisprudenza Applikabbli**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Donald Vella** moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar il-5 ta' Awwissu, 2014 ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet a bazi ta' dak gja deciz:

*"Skond il-gurisprudenza kostanti li din il-Qorti kif preseduta taqbel maghha, l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa huma dawn li gejjin:*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd inkluz l-imputat.*

*Fit-tieni lok il-legislatur aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali ndividwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggiri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt ta' truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*

*b. billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew*

*c. ta' kwalifiki foloz jew*

*d. billi jinqeda b'qerq iehor, u*

*e. ingann, jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esiztenza ta' intraprizi foloz*

*g. jew ta' hila*

*h. setgha fuq haddiehor, jew*

*i. ta' krediti mmaginarji, jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

Dwar l-artifizji hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna. L-Imhallef William Harding fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nikola Bonnici** deciza fis-sebgha u ghoxrin ta' Mejju, 1944 jghid:-

"il-Qorti t'isfel fis-sentenza taghha...waslet ghal konkluzjoni li hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-merti tal-iffrodat".

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Cassar Parnis** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru, 1959, il-Qorti segwiet l-istess interpretazzjoni u esprima ruhu hekk:

*"Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-artikolu 322 (illum 308) tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura*

*partikolari deskrittiva adoperata hemm bzonn li tirrizulta materjalita specifika li sservi ta' supstrat ghal verosimiljanza tal-falzita prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghall-finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur".*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Emanuele Ellul**, deciza fl-20 ta' Gunju 1997, qalet hekk dwar l-elementi tar-reat ta' truffa:

*"Fil-Ligi taghna element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene cioe dawk l-artifizi jew raggiri idonei li jinducu u li effettivament kienu inducew lill-vittma fi zball --- l-ingann --- u li b'konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qligh ghall-agent liema telf u qligh ikun rizultat ta' xi haga li taghmel jew tonqos li taghmel il-vittma ghax tkun giet ingannata. Illi dwar dan it-tieni element kostituttiv tar-reat ta' truffa.*

L-artikolu 309 jistipula s-segwenti:

*Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn jew il-multa.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra**, deciza fit-2 ta' Frar 2011, Qorti tal-Magistrati, intqal hekk:

*"Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmela German**, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet: "In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 flismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** li:

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bilkonsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll Il Pulizija v. Daniel Frendo, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent (**Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis, App. Krim.**, 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'*

*"raggiri o artifizi"– dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn,* ***Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis, App. Krim.****, 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137;* ***Il-Pulizija v. Francesca Caruana, App. Krim****., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll* ***Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer, App. Krim****., 3/3/56)."*

*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra.*

Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni fil-kaz in ezami, irrizulta car li l-imputat fil-professjoni tieghu, kien gabar taxxa fuq l-atti ppublikati minnu sabiex jithallas id-Dipartiment tal-Gvern. Minnflok huwa uza l-flus tal-kwerelanti sabiex thallsu taxxi/boll jew Capital Gains Tax ta' terzi. Jirrizulta li l-imputat qarraq bil-kwerelanti meta huwa baqa' jinsisti li l-problema kienet minn naha tad-dipartiment li kien waqa' lura milli jibghat l-ircevuti relattivi, u dan meta huwa kien jaf li qatt ma setghu jircievu ebda ricevuta stante li huwa naqas milli

jirregistra l-atti ta' l-erba' kwerelanti. Madanakollu ma jistax jinghad li l-kwerelanti ghaddew il-hlas lilu kawza ta' uzu ta' truffa jew qerq da parti ta' l-imputat.

Illi fil-fehma tal-Qorti din l-imputazzjoni inghatat bhala imputazzjoni alternattiva sabiex tigi applikata f'kaz li r-reat ma jaqax taht approprijazzjoni indebita u ghalhekk il-Qorti qieghda tillibera lill-imputat minn din l-akkuza.

**It-Tielet, Ir-Raba' u l-Hames Imputazzjoni**

Il-Qorti hija tal-fehma li l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, li dwarha din il-Qorti diga pronunzjat ruhha aktar 'il fuq, isostnu wkoll dawn l-imputazzjonijiet.

Illi ma hemmx dubju li l-imputat kien obbligat li josserva diligenza fi grad oghla minn persuna komuni u dan in vista tal-professjoni tieghu. L-artikolu 2(1) tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u l-Arkivji Nutarili, Kapitolu 55 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi:

*"In-Nutara huma uffiċjali pubbliċi. Huma awtorizzati li jirċievu atti fost il-ħajjin u testmenti, li jagħtuhom fidi pubblika, li jwieġbu għall-kustodja tagħhom u li jagħtu kopji u estratti ta' dawn l-atti jew testmenti.".*

In oltre, l-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali jistipula li:

*"Barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tghid espressament liema huma l-pieni li ghandhom jinghataw ghar-reati li*

*jsiru minn ufficjali jew impjegati pubblici, kull ufficjal jew impjegat pubbliku li jsir hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghal dak ir-reat, mizjuda bi grad.".*

L-artikolu 138 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

*"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, dolozament, bi ksur tad-dmirijiet tieghu, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi att mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, b'taghkis jew bi hsara ta' haddiehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa: Izda, il-qorti tista', fil-kazijiet hfief, taghti l-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet.".*

Multo Magis, l-Artiklu 50 tal-Kapitolu 364 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

*"50. Kull Nutar li –*

*(a) jonqos li jħallas it-taxxa dovuta kollha jew parti minnha taħt id-*disposizzjonijiet *ta' dan l-Att fuq xi att riċevut minnu; jew*

*(b) jonqos li jsemmi f'dak l-att l-ammont ta' taxxa hekk dovuta; jew*

*(ċ) jonqos li jikkonforma ruħu ma' kull taxxa imposta fuqu b'regolament li jsir taħt dan l-Att; jew*

*(d) jonqos li jħallas il-penali kollha jew parti minnha, dovuta taħt l-artikolu 51,*

*ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab ħati, penali ta' mhux inqas minn ħdax-il euro (€11) iżda mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro (€465), u l-proviso li hemm mal-artikolu 11 għandu jgħodd għal dan l-artikolu.*

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 293, 294, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta u l-artikolu 50 (a)(c) tal-Kapitolu 364 tal-Ligjijet ta' Malta, qeghda filwaqt illi tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, qeghda ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tal-hames (5) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah kumplessivament sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin mil-lum.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur